Nru. 17,965
Prezz 96c
Price 96c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 5 ta' Settembru, 2006
Tuesday, 5th September, 2006

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 769

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,962 u 17,964 tad-29 ta' Awissu u ta' l-1 ta' Settembru 2006, rispettivament.

A.L. Nru. 182 ta' l-2006: Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap. 261); Ordni ta' l-2006 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 4).

A.L. Nru. 183 ta' l-2006: Att ta' l-2006 dwar is-*Securitisation* (Att Nru. V ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ ta' l-Att ta' l-2006 dwar is-*Securitisation*.

A.L. Nru. 184 ta' l-2006: Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Att Nru. XIV ta' l-2006); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 185 ta' l-2006: Att ta' l-2006 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Att Nru. XVI ta' l-2006); Avviż ta' dħul fis-seħħ.

A.L. Nru. 186 ta' l-2006: Att ta' l-2005 dwar Azzjonijiet Ġudizzjarji (Miżuri Varji) (Att Nru. XXII ta' l-2005); Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2006 dwar l-Adattament tal-Liġijiet.

A.L. Nru. 187 ta' l-2006: Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent (Kap. 435); Regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi (Dikjarazzjoni dwar l-Istaġun Miftuħ għall-Kaċċa u t-Teħid ta' l-Għasafar).

Il-5 ta' Settembru, 2006

GOVERNMENT NOTICES

No. 769

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,962 and 17,964 of the 29th August 2006 and the 1st September 2006, respectively.

L.N. No. 182 of 2006: Housing Authority Act (Cap. 261); Housing Authority (Transfer of Assets) (No. 4) Order, 2006.

L.N. No. 183 of 2006: Securitisation Act, 2006 (Act No. V of 2006); Notice of coming into force of the Securitisation Act, 2006.

L.N. No. 184 of 2006: Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2006 (Act No. XIV of 2006); Notice of coming into force.

L.N. No. 185 of 2006: Criminal Code (Amendment) Act, 2006 (Act No. XVI of 2006); Commencement Notice.

L.N. No. 186 of 2006: Judicial Actions (Various Measures) Act, 2005 (Act No. XXII of 2005); Adaptation of Laws (Amendment) Regulations, 2006.

L.N. No. 187 of 2006: Environment Protection Act (Cap. 435); Conservation of Wild Birds Regulations (Declaration of Open Season for Hunting and Taking of Wild Birds) Regulations, 2006.

5th September, 2006

Nru. 770

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 770

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr M Micallef	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	11–15.9.2006

Il-5 ta' Settembru, 2006

5th September, 2006

Nru. 771

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (GVERN LOKALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 771

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (LOCAL GOVERNMENT)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Silvio Frendo	Aġent Direttur *Acting Director*	Gvern Lokali *Local Government*	11-15.09.2006

Il-5 ta' Settembru 2006

5th September 2006

Nru. 772

MINISTERU TAL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Kap. 363), il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata mill-ġdid Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:-

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Mqabba	Anthony Bonello

Il-5 ta' Settembru, 2006

No. 772

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Local Councils Executive Secretaries

IT is hereby notified for general information that, in terms, of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act (Cap. 363), the Minister of Justice and Home Affairs has approved that the following person be re-appointed Executive Secretary of the respective Local Council:-

Local Council (Locality)	*Executive Secretary*
Mqabba	Anthony Bonello

5th September, 2006

Nru. 773

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 773

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza ta' Gwardjan Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Robert Cutajar	505486 (M)	12, "Punzjetta", Triq iż-Żafran, Marsaskala.

Applikazzjoni għal-liċenza Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Yousef Ahmed Saleh Salameh	25551 (A)	9, Flat 4, Triq is-Sur, Isla
Marthese Mamo	147571 (M)	5, Ta' Paris, Blokk D, Birkirkara
Philip Bezzina	515652 (M)	27, Triq San Pietru, Sliema
Ignatius Bezzina	459069 (M)	Enderly Court 8, Penthouse 2, Triq Santa Venera, Msida
Emmanuel Grech	506744 (M)	"Villa Ave Maria", Triq Lorenzo Manchè, Attard
David John Grech	402882 (M)	"Blackpool", Triq Frans Grech, Marsaskala
Olinger Scerri	236988 (M)	27, Triq il-Kampanella, Fgura
Salvatore Bonnici	344664 (M)	5, "L-Għasfur", Triq il-Waqqafa, Mosta
Maria Carmela Cassar	135661 (M)	"Redeemer", Triq il-Kaċċatur, Qormi
Stephania Caruana	146178 (M)	53, "Ashgrove Court", Flat 3, Triq San Mikiel, San Ġwann
Godwin Tabone	561887 (M)	51, "Redentur", Vjal Kottoner, Fgura
Carmelina Bonello	319175 (M)	3, Flat 2, Triq il-Fabbriki, Xgħajra
David Camilleri	480061 (M)	Flat 1, Triq il-Prinċipessa Margerita, Bini tal-Gvern, Blokk B2, Msida

Joseph Cauchi	215585 (M)	"Seven Oaks", Triq il-Kampanella ta' Santa Marija, Naxxar
Sammy Parnis	4876 (G)	32, Triq San Ġakbu, Nadur, Għawdex
Spiridione Borg	136266 (M)	Flat 1, "Kimberly Court", Triq J. Quintinus, San Pawl il-Baħar
Franco Calleja	96280 (M)	101, "St. Jude", Triq in-Nazzarenu, Paola
Geoffrey Maggi	558155 (M)	22, "Geoffrit", Triq il-Baqqunier, Mosta
Christian Joe Calleja	1386 (M)	5, "San Adonis",Triq Vinc Dimech, Żurrieq
Joseph Falzon	450386 (M)	10, "St. Rita", Triq il-Lewżiet, Kirkop
Elton John Deguara	427381 (M)	41, Triq il-Kapuċċini, Kalkara
Matthew Vella	120487 (M)	37, Triq Patrick Brydone, San Ġiljan
Mario Caruana	265385 (M)	4, Triq il-Karrijiet, Rabat
Raymond Deidun	832654 (M)	86, Triq San Mikiel, Fgura
Leonard Brincat	352563 (M)	43, Triq l-Għollieq, Fgura
Carmel Azzopardi	236665 (M)	"Mater Gratie", Triq Lydda, Qormi
George Schembri	146471 (M)	10, "Gavarnie", Triq Emmanuel Attard Bezzina, Żejtun
Joseph Gauci	437053 (M)	3, "Santa Maria", Sqaq Francesco Buhagiar, Qrendi
Raymond Grech	152070 (M)	30, Flat 1, Triq K. Mifsud, Pietà
Mario Borg	225152 (M)	12, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun
Carmel Grima	717653 (M)	8, "Orchidea", Triq Gori Mancini, Birkirkara
Mark Mifsud	394967 (M)	3, "Dokkiena", Flat 4, Triq 13 ta' Dicembru, Birżebbuġa
John Baptist Aquilina	93948 (M)	7, Blokk 9, Triq il-Miġja tal-Papa, l-Isla
Michel Bartolo	138766 (M)	71, "Nostro Sogno", Triq ir-Refuġjati tal-Gwerra, Mosta
Roderick Micallef	264584 (M)	38, "Tonrose", Triq Żimelli, Ħamrun
Marija Cassar	166161 (M)	Plot 175, Triq Indrì Grima, Swatar, Msida
Aaron Galea	471683 (M)	"Silvestru", Triq il-Qammieħ, Mellieħa
Kevin Templeman	477076 (M)	"Gransite A", Flt 26, Triq San M. Kolbe, Qawra, San Pawl il-Baħar
Alan Cocker	359276 (M)	10, Triq Giacomo Matteotti, Fgura
Joseph Cocker	558864 (M)	212, "Leobra", Triq Hompesch, Fgura

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-5 ta' Settembru, 2006

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

5th September, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 41 ta' l-2006

Regatta tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir

Ir-Regatta se ssir fit-8 ta' Settembru, 2006. Il-baħħara huma mgħarrfa li skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) u Regolament 6 tar-Regolamenti ta' 1-1966 dwar il-Port, id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna li se jitqiegħdu l-ostakli li ġejjin fil-Port il-Kbir.

1. Bejn nhar il-Ħamis, is-7 ta' Settembru u nhar is-Sibt, id-9 ta' Settembru 2006 se jitqiegħdu żewġ (2) *sinkers* ma' *marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin.

	Latitude (T)	*Longitude* (L)
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 41 of 2006

8th September Regatta in Valletta Grand Harbour

The Regatta will be held on the 8th September 2006. Mariners are notified that in terms of section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) and Regulation 6 of the Ports Regulations 1966, the Executive Director (Ports) directs that obstruction will be laid in Grand Harbour as follows:

1. Between Thursday, 7th September and Saturday, 9th September 2006 two (2) sinkers with marker buoys will be laid in the following positions.

	Latitude (N)	Longitude (E)
(i)	35°53'.60	14°30'.92
(ii)	35°53'.46	14°30'.76

2. Nhar il-Ġimgħa, it-8 ta' Settembru 2005 mill-11.00 a.m., linja ta' planki/*wires* se titqiegħed fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

(a) mill-bagi (i) 'l hinn minn Sant'Anġlu sal-bagi (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla quddiem id-daħla ta' *French Creek*.

(b) mill-baga (i) sa ponta fuq ix-xatt taħt is-Sur ta' Lascaris, fil-pożizzjoni:–

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.67	14°30'.825

(ċ) minn *bollard* 4 f'Ras Ħanżir II għall-*bollard* 25 fid-*Deep Water Quay*.

Dawn il-bagi, planki/*wires* jitneħħew wara li tispiċċa r-Regatta għal xi s-7.00 p.m.

3. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-Sidien tal-bastimenti u l-inġenji kollha li fit-8 ta' Settembru, bejn il-11.00 a.m. u għas-7.00 p.m., il-bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx jibqgħu sejrin sa xi rmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-Arblu tal-Forti Sant'Anġlu. Barra minn dan, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx jibqgħu sejrin 'l hinn mil-linja tat-tluq li l-pożizzjoni tagħha hija indikata f'(ċ) hawn fuq wara l-11.00 a.m. L-ebda bastiment ma jista' jbaħħar fil-Port il-Kbir, ħlief b'permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet).

4. Is-sidien tal-bastimenti u l-inġenji kollha huma avżati li bagi/planki/*wires* imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 jistgħu jkunu ta' ostaklu fiżiku u għalhekk għandhom ibaħħru b'attenzjoni. L-istess attenzjoni għandha tingħata waqt xogħol ta' tqegħid u tneħħija qrib dawn il-planki/*wires*.

Chart effettwata BA 177.

Il-5 ta' Settembru, 2006

2. On Friday, 8th September 2006 from 11.00 a.m., a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

(a) from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of French Creek.

(b) from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, in position:–

Latitude (N)	Longitude (E)
35°53'.67	14°30'.825

(c) from bollard 4 at Ras Ħanżir II to bollard 25 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 7.00 p.m.

3. The Executive Director (Ports) informs Masters of all vessels and craft that on the 8th September 2006 between 11.00 a.m. and about 7.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St. Angelo Flagstaff. Besides, small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (2c) above after 11.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports).

4. Masters of all vessels and craft are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraphs 1 and 2 may cause a physical obstruction and consequently all craft are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected BA 177

5th September, 2006

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 42 ta' l-2006

Wirja ta' Logħob tan-Nar mill-Isla bejn il-Maċina u d-Drydocks

Se ssir wirja ta' logħob tan-nar minn fuq l-art fl-inħawi bejn il-Maċina u Baċir Nru. 1 fit-8 ta' Settembru, 2006, bejn is-7.00 p.m. u t-8.00 p.m.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 42 of 2006

Fireworks Display from Senglea between Maċina and Drydocks

A fireworks display will be let off from land in the area between the Maċina and Drydock No 1 on the 8th September 2006 between 7.00 p.m. and 8.00 p.m.

Minħabba dan ta' hawn fuq l-inġenji kollha f'raġġ ta' 80 metru mill-pożizzjoni li ġejja għandhom jitneħħew mill-inħawi.

Latidude (T)	*Longitude* (L)
35°53'.061	14°31'.180

Ma tittieħed l-ebda responsabbiltà għal xi ħsara li tista' ssir lil dgħajjes li jitħallew fl-inħawi fid-data u l-ħinijiet imsemmija hawn fuq.

Tbaħħir f'Dockyard Creek għandu jsir b'kawtela u bil-mod. Il-baħħara huma mwissija jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija mill-Valletta Port Control.

Chart affettwata: BA 177

Wieħed jista' jara partijiet miċ-*charts* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-5 ta' Settembru, 2006

In view of the above all craft within a radius of 80 meters from the following position are to be removed from the area.

Latidude (N)	Longitude (E)
35°53'.061	14°31'.180

No liability will be accepted for any damage to boats that are left lying in the area on the above date and times.

Navigation within Dockyard Creek is to proceed with caution and slow speed. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control.

Chart affected: BA 177

Parts of charts can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

5th September, 2006

DIVIŻJONI GĦALL-IPPJANAR U KO-ORDINAZZJONI TAL-PRIJORITAJIET, UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Id-Diviżjoni għall-Ippjanar u Ko-ordinazzjoni tal-Prijoritajiet, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru tistieden il-pubbliku ġenerali biex jieħu sehem fi:–

Konsultazzjoni ta' *Stakeholders* dwar id-*Draft Environment Report for the Strategic Environment Assessment of Malta's Operational Programme I 2007-2013*

Wieħed jista' jniżżel dan id-dokument minn:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Kummenti jistgħu jintbagħtu lis-*SEA Audit Team* fuq l-indirizz ta' l-*e-mail*:
sea_audit_team@gov.mt
jew bil-posta lil:
Dott. Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Barriera Wharf,
Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent,
Valletta

PLANNING AND PRIORITIES COORDINATION DIVISION, OFFICE OF THE PRIME MINISTER

The Planning and Priorities Coordination Division within the Office of the Prime Minister invites the general public to participate in the:–

Stakeholder Consultation on the Draft Environment Report for the Strategic Environment Assessment of Malta's Operational Programme I 2007-2013

This document can be dowloaded from:
http://ppcd.gov.mt or http://mfin.gov.mt

Comments may be sent to the SEA Audit Team on e-mail address:
sea_audit_team@gov.mt
or by post to:
Dr Ing. Christopher Ciantar,
SEA Audit Team,
Barriera Wharf,
Ministry for Rural Affairs and the Environment,
Valletta

Id-data ta' l-għeluq hija nhar it-Tnejn, it-18 ta' Settembru, 2006.

The closing date is Monday, 18th September, 2006.

Il-5 ta' Settembru, 2006

5th September, 2006

Programm ta' Fondi Strutturali għal Malta 2004-2006
Proġett ko-finanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR)
Structural Funds Programme for Malta 2004-2006
Project part-financed by the European Regional Development Fund (ERDF)

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Physician in General Medicine with an Interest in Diabetes Mellitus/Endocrinology* fid-Diviżjoni tas-Saħħa, fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Physician in General Medicine with an interest in Diabetes Mellitus/Endocrinology* fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2. Il-post ta' *Consultant Physician* għandu salarju ta' Lm10,503 fis-sena (Skala ta' Salarju Nru. 4).

3.1. Il-ħatra li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun soġġetta għal ġimgħa ta' 40 siegħa u wara tkun tista' tissejjaħ fuq bażi ta' *roster*.

3.3. Il-ħinijiet tax-xogħol tal-persuna nominata mhux bilfors ikunu limitati għal dmirijiet ta' filgħodu, imma skond l-esiġenzi tas-servizz, sezzjonijiet ta' wara nofsinhar, magħduda s-sezzjonijiet ta' l-*out-patients*, jistgħu jsiru skond l-arranġamenti approvati mid-Diviżjoni tas-Saħħa.

3.4. Il-persuna nominata tkun intitolata għal xi benefiċċji oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li jkunu mniżżlin fi kwalunkwe ftehim bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata tithalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

(a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Physician in General Medicine with an Interest in Diabetes Mellitus/Endocrinology in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Physician in General Medicine with an interest in Diabetes Mellitus/Endocrinology in the Health Division.

2. The post of Consultant Physician carries a salary of Lm10,503 per annum (Salary Scale No. 4).

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be conditioned to a 40-hour week and may be on call thereafter on a roster basis.

3.3. The working hours of the appointee shall not necessarily be limited to morning duties, but in accordance with the exigencies of the service, afternoon sessions including out-patient sessions may have to be carried out as per arrangements approved by the Health Division.

3.4. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

(b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Il-persuna fil-grad ta' *Consultant Physician* tifforma parti mid-Dipartiment tal-Mediċina u l-persuna nominata taqa' taħt iċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina. Hija tkun mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet tad-Dipartiment tal-Mediċina u fil-programmi tiegħu ta' tagħlim;

5.2. Il-persuna nominata tkun responsabbli biex tipprovdi servizz speċjalizzat ta' livell għoli dijanjostiku u terapewtiku fil-*General Medicine* u fid-*Diabetes Mellitus/Endocrinology* fl-Isptar San Luqa, fl-isptarijiet oħra u fis-servizzi tas-saħħa pprovduti mill-Gvern skond il-*policy* tad-Diviżjoni tas-Saħħa. Dan jinkludi:

a) provediment ta' servizz ta' konsulenza, sew jekk *outpatient* kif ukoll jekk *inpatient* għall-pazjenti li jiġu riferuti minn *general practitioners* u konsulenti oħra ta' l-isptar għall-każi tal-*General Medicine* u ta' *Diabetes Mellitus/ Endocrinology*.

b) żvilupp ta' *joint outpatient clinics* flimkien ma' speċjalitajiet ohra, kif jinħtieġ.

ċ) sehem fit-tkabbir u żvilupp aktar tal-*Endocrine Unit* u s-servizzi tad-*Diabetes*.

d) investigazzjonijiet ta' każi fl-ispeċjalità ta' l-*Endocrinology* u l-interpretazzjoni tagħhom kif ukoll investigazzjonijiet oħra.

e) twaqqif ta' mekkaniżmu xieraq biex jiġu assigurati kwalità tas-servizzi u verifika medika.

5.3. Il-persuna nominata tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skond programmi approvati dwar kura fil-komunità u tista' tkun meħtieġa li tagħti servizz f'xi estensjoni futura oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

5.4. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġet tal-pazjenti skond l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

5.5. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti ta' l-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun l-ogħla livell possibbli.

5.6. Il-persuna nominata trid tassigura li l-kura tal-pazjent

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Consultant Physician will form part of the Department of Medicine and the appointee will be directly accountable to the Chairman of the Department of Medicine. He/She will be expected to take part in the activities of the Department of Medicine and in its teaching programmes.

5.2. The appointee will be responsible to provide a high standard of specialist diagnostic and therapeutic service in General Medicine and in Diabetes Mellitus/Endocrinology in St.Luke's Hospital, other hospitals and the Health Services provided by the Government within the policy of the Health Division. This will include:

a) provision of a consultancy service, both outpatient and inpatient, to referrals from general practitioners and other hospital consultants both in General Medicine and in Diabetes Mellitus/Endocrinology.

b) development of joint outpatient clinics with other specialities as required.

c) participation in the expansion and further development of the Endocrine unit and Diabetes services.

d) carrying out and interpretation of specialised endocrinological and other investigations.

e) establishment of appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

5.3. The appointee may be required to hold regular specialised clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes and may also be required to provide service in any future extension of health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

5.4. When the appointee is the Admitting Consultant (on call) he/she may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. He/She is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admissions in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

5.5. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

5.6. The appointee shall ensure the highest level possible

tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwità, (inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin).

5.7. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li tieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha.

5.8. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif tkun imqabbda miċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina.

5.9. Il-persuna nominata trid tippreżenta, flimkien mal-konsulenti l-oħra fl-ispeċjalità, rapport annwali liċ-*Chairman* tad-Dipartiment tal-Mediċina dwar il-ħidma tal-*Unit*.

5.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel użu mis-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. L-applikanti għandhom:-

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea:

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

of patient care with special attention to appropriateness, timeliness and continuity (including continuity through well-maintained and easily followable medical records and timely discharge summaries).

5.7. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge.

5.8. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as detailed by the Chairman of the Department of Medicine.

5.9. The appointee together with other consultant/s in the speciality, shall present an annual report on the working of the unit to the Chairman of the Department of Medicine.

5.10. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) ikollhom:

JEW

(i) evidenza ta' eliġibilità għar-reġistrazzjoni bħala *Specialist* fl-*Endocrinology and Diabetes* fl-Unjoni Ewropea;

JEW

(ii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u sentejn esperjenza fl-*Endocrinology and Diabetes* fil-grad ta' *Senior Registrar* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta;

JEW

iii) kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni fil-Mediċina u ħames snin ta' esperjenza tal-*Endocrinology and Diabetes* wara li jkunu ġabu l-imsemmija kwalifika ogħla ta' wara l-gradwazzjoni;

(e) ikollhom taħriġ u esperjenza wiesgħa fid-*Diabetes Mellitus/Endocrinology;*

(f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

7.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap.413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibiltà u għaliex huma misthoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom

d) be in possession of:

EITHER

(i) evidence of eligibility for Specialist registration in Endocrinology and Diabetes in the European Union;

OR

(ii) a higher postgraduate qualification in General Medicine and two years experience in Endocrinology and Diabetes in the grade of Senior Registrar in the Malta Public Service;

OR

(iii) a higher postgraduate qualification in General Medicine and five years experience in Endocrinology and Diabetes following the attainment of the said higher postgraduate qualification;

(e) have had training and broad experience in diabetes Mellitus/Endocrinology;

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

7.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

7.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

8.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies

jintbagħtu ma' l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/Istituzzjonijiet terzjarji, li juru rapport ta' evalwazzjoni dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġ mill-Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjieg jew l-awtorità konċernata, skond il-każ, liema rapport għandu jiġi mehmuż ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali jintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx dan ir-rapport, ikunu jistgħu japplikaw iżda jridu jibagħtu kopja tar-rapport maħruġ mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif ikun għad-disposizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

9.1 Bord ta' l-għazla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adattat għall-post.

9.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tar-riżultat.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jigi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* u l-ismijiet ta' żewġ *referees,* jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur, Riżorsi Umani, Diviżjoni tas-Saħħa, 6, Sqaq Harper, Floriana, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Settembru 2006.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Settembru 2006 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numri tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi huma +356-21226285 u +356 - 21235890.

14. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni bizzejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-5 ta' Settembru, 2006

to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

8.2. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universitiesċtertiary education institutions, to produce an evaluation report on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which report should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this report may still apply, provided that they submit a copy of the report by the pertinent authority to the receiving department as soon as it becomes available and in any case by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

9.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of the result.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

11. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

12. The prescribed application forms together with a curriculum vitae and the names of two referees, will be received in the first instance by the Assistant Director, Human Resources Department, Health Division, 6, Harper Lane, Floriana by not later than noon of Friday, 29th September 2006.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 29th September 2006 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax numbers of the receiving Division are +356 – 21226285 and +356 - 21235890.

14. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven days.

5th September, 2006

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' *Probation Officer* u *Trainee Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-postijiet ta' *Probation Officer* u *Trainee Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi.

2. Il-post ta' *Probation Officer* għandu salarju ta' Lm4,967 fis-sena li jiżdied b'Lm152 kull sena sa Lm5,879 (Skala ta' Salarju 12).

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali u fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi b'mod partikulari. Min jinħatar jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.1 Il-*Probation Officers* ikunu meħtieġa li jużaw it-trasport tagħhom fuq xogħol uffiċjali. Huma jkunu intitolati għall-*allowance* bir-rata approvata.

3.2 Il-*Probation Officers* għandhom ikunu ppreparati li jaħdmu sigħat irregolari matul il-ġurnata u l-lejl skond l-esiġenzi tax-xogħol.

4. Persuna fil-ħatra ta' *Probation Officer* għandha jkollha xeħta biex tikkomunika ma' oħrajn u tkun kapaċi tibni relazzjonijiet interpersonali. Tkun esposta għal varjetà kbira ta' ħidmiet soċjali ġeneriċi, biex takkwista l-esperjenza meħtieġa biex taħdem fi *Probation Work* effettiv. B'mod partikolari, ir-reġistrazzjoni ta' każijiet, il-kitba ta' rapporti, l-użu ta' konferenzi dwar il-każ u l-aġġornament tagħhom, kapaċitajiet ta' komunikazzjoni, teknika ta' kif jiġu stmati interventi fi kriżi u kapaċitajiet bażiċi oħra relatati ma' xogħol ta' natura soċjali jiġu żviluppati.

4.1 Id-dmirijiet prinċipali ta' persuna fil-ħatra ta' *Probation Officer* fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi huma li:

(i) tmexxi rapporti dwar investigazzjonijiet qabel tingħata sentenza (PSIRs);

(ii) tissottometti lill-Qorti, minn żmien għal żmien, rapporti dwar il-każ;

(iii) tagħmel pjanijiet dwar superviżjoni skond ħtiġiet speċifiċi imposti mill-Qorti, waqt li tittieħed kunsiderazzjoni ta' l-informazzjoni fil-PSIR, meta jkun sar dan ir-rapport;

(iv) tiżviluppa pjan ta' azzjoni personalizzat dwar il-klijenti u ssegwi l-iżvilupp tiegħu;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Probation Officer and Trainee Probation Officer in the Department of Correctional Services

The Public Service Commission invites applications for the posts of Probation Officer and Trainee Probation Officer in the Department of Correctional Services.

2. The salary for the post of Probation Officer is of Lm4,967 per annum rising by annual increments of Lm152 up to a maximum of Lm5,879 (Salary Scale 12).

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Correctional Services in particular. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.1. Probation Officers will be expected to use their own means of transport for their work. They will be entitled to the appropriate approved allowance.

3.2. Probation Officers must be prepared to work irregular hours of the day and night according to the exigencies of the job.

4. A Probation Officer must have an aptitude for human communication and skills in building interpersonal relationships. He/she will be exposed to a broad spectrum of generic social work, during which the expertise required to deliver effective Probation Work will be acquired. In particular, case recording, case management, report writing, the use of case conferences and case reviews, communication skills, assessment techniques, crises intervention and other skills of a social nature will be developed.

4.1. The main duties of Probation Officers with the Department of Correctional Services are the following:-

(i) conduct Pre-Sentencing Investigation Reports (PSIRs);

(ii) submit periodic reports to the Court on the progress of the case;

(iii) draw supervision plans based on the specific requirements imposed by the Court, taking into account the information in the PSIR, when available;

(iv) develop a personalised action plan for the client and monitor development;

(v) issegwi l-andament u l-progress tal-persuna li tkun fuq *probation*;

(vi) tagħmel żjarat fid-djar u fuq il-post, kif ikun hemm bżonn, u tintervjeni mal-partijiet involuti fil-każ;

(vii) tippromwovi programmi ta' servizzi fil-komunità u/jew programmi ta' rikonċiljazzjoni bejn il-vittma u min jagħmel l-offiża, meta dawn ikunu kkunsidrati ta' benefiċċju;

(viii) tikkordina ma' professjonisti u/jew aġenziji involuti fil-każ;

(ix) torganizza u tattendi konferenzi dwar il-każ meta meħtieġ;

(x) iżżomm *records* aġġornati dwar il-każijiet kollha;

(xi) taħdem indipendentement iżda tkun versatili meta taħdem ma' impjegati oħra f'xogħol ta' *probation*;

(xii) iżżomm ruħha aġġornata bl-aħħar żviluppi fil-kamp tas-servizzi dwar *Probation* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

(xiii) taħdem fuq sistema ta' *roster on-call*.

4.2. L-applikanti magħżula, fiż-żmien li jkunu jaħdmu f'dan ix-xogħol, għandhom jibqgħu intiżi fl-iżvilupp li jseħħ fil-qasam tal-*Probation* kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta. Għal dan il-għan, tingħata l-opportunità għal programmi ta' taħriġ, liema opportunità l-applikanti magħżula huma mistennija li jieħdu.

4.3. *Probation Officers* magħżula għal dan ix-xogħol jaqdu d-doveri tagħhom taħt id-direzzjoni tad-Direttur tas-Servizzi Korrettivi u jkunu mistennija jsegwu korsijiet ta' taħriġ *ad hoc* f'Malta jew barra minn Malta. Min jintgħażel biex jattendi korsijiet ta' taħriġ barra minn Malta jkun marbut bil-kundizzjonijiet relevanti skond il-*Public Service Management Code*.

5. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu

(v) monitor compliance and progress of the offender subject to a Probation Order;

(vi) conduct home and field visits as necessary and provide the required intervention with all parties involved in the case;

(vii) promote Community Service Programmes and/or Victim-Offender Rehabilitation Programmes whenever these are deemed beneficial;

(viii) liaise with other professionals andċor agencies involved in the case;

(ix) organise and attend conferences whenever required;

(x)keep up-to-date records on all cases;

